StudentBounty.com

**Il-*Benchmark* ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja**

**2012**

**It-Tieni Sessjoni**

**Il-Malti: Il-Qari**

**Il-Marki: 30 marka**

**Il-Ħin: 50 minuta**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## L-Ewwel Taqsima

**Aqra dan l-avviż u aħdem l-eżerċizzji ta' warajh.**

# FESTA TA' TALENT

**Taf iddoqq jew tkanta? Taf tirreċta jew tpinġi?**





Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Ballut qed jistiednek biex tieħu sehem f'serata ta' talenti li ser tkun organizzata nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Lulju 2012 fis-Sala Parrokkjali 'Dun Karm Psaila'.

Jekk titħajjar, tista' tiġbor applikazzjoni mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali jew tniżżel il-formola minn fuq is-sit www.kunsillħalballut.mt .

Kulħadd jista' japplika. L-applikazzjonijiet ser jintlaqgħu mis-Segretarju tal-Kunsill u jridu jaslu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali sat-30 ta' Ġunju 2012. Mal-applikazzjoni kull parteċipant ser jintalab jagħti donazzjoni ta' ewro b'risq ir-restawr tal-kappella l-qadima ta' Santa Rita. Fl-aħħar tas-serata ser jitqassam ċertifikat ta' parteċipazzjoni lil kull min jieħu sehem fil-festa.

Ġurija magħmula minn nies magħrufa fil-qasam tal-ispettaklu ser tagħżel l-aħjar tliet talenti biex f'Awwissu li ġej jirrappreżentaw lil Malta f'konkors artistiku għall-pajjiżi Mediterranji li ser isir f'Agriġento, Sqallija.

**KUNSILL LOKALI**
**ĦAL BALLUT**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**A. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.** *ki)*

L-ewwel waħda hija eżempju.

1. Is-serata tat-talenti ser issir (f'Ħal Ballut, f'Agriġento, fi Sqallija).
2. L-applikazzjonijiet għas-serata ser jinġabru (mis-Sindku, minn Dun Karm Psaila, mis-Segretarju).
3. Dawk kollha li jintgħażlu ser jieħdu sehem f'kompetizzjoni bejn il-pajjiżi tal-(Mediterran, Ewropa, Afrika) li ser issir (f'Malta, f'Ħal Ballut, fi Sqallija).
4. Il-ġurija li ser tagħżel it-talenti ser tkun magħmula minn (kunsillieri, personalitajiet magħrufa, għalliema).

**B. Imla l-vojt billi ssib il-kelma t-tajba mill-avviż.** *(3 marki)*

L-ewwel waħda hija eżempju.

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Ballut qiegħed jistieden lin-nies li għandhom ħiliet speċjali fil-kant, fid-daqq, fit-**tpinġija** jew fir-reċtar biex jieħdu sehem f'serata ta' talenti. Kull min jipparteċipa ser jingħata ________________. Mis-serata ser jintgħażlu l-aħjar ________________ parteċipanti biex imorru jirrappreżentaw lil Malta f'________________ artistiku li għandu jsir f'Awwissu 2012.

**Ċ. Imla l-vojt f'din it-tabella billi tieħu l-informazzjoni mill-avviż.** *(3 marki)*

L-ewwel waħda hija eżempju.



**FESTA TA' TALENT**

**ĦAL BALLUT**



**Data tas-serata:** Il-Ġimgħa, 20 ta' Lulju 2012____________________.

**Post fejn ser issir is-serata:** ________________________________.

**F'liema xahar tagħlaq l-applikazzjoni:** ________________________.

**Fejn se jmorru l-flus miġbura:** ______________________________.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## It-Tieni Taqsima (2[illegible]a)

**Aqra din l-informazzjoni u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

StudentBounty.com



### Is-Siġar taċ-Ċitru

*L-Ewwel Parti*

Skont rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, f'Malta kull persuna tikkonsma mat-33 kilogramma ta' frott taċ-ċitru f'sena waħda! Fost l-ispeċi tas-siġar taċ-ċitru nsibu l-larinġ, il-larinġ tal-bakkaljaw, il-lumi, il-lumiċell u l-mandolin. ***(par.1)***

Il-frott tas-siġar taċ-ċitru għandu l-qoxra ħoxna mimlija glandoli taż-żejt u b'ġewwieni maqsum fi flieli mmerrqa. Il-qoxra tista' tkun lixxa jew xi ftit raffa, b'kulur li jaqleb minn aħdar għall-isfar jew l-oranġjo mtebba' bir-roża jew l-aħmar. Il-meraq jista' jkollu togħma morra ħafna jew ħelwa; inkella togħma bnina, bejn ħelwa u morra. Is-siġar taċ-ċitru jħaddru s-sena kollha u huma ta' daqs mezzan. Il-friegħi tagħhom huma bix-xewk u l-weraq aħdar skur ileqq li jħalli riħa tfuħ meta wieħed **jgħaffġu** f'idu. Siġra trid bejn sitta u tmien snin biex tibda tagħmel il-frott, u kapaċi tgħix għal mijiet ta' snin jekk tkun ikkultivata tajjeb. ***(par.2)***

Is-siġar taċ-ċitru jikbru l-aħjar f'pajjiżi li għandhom klima bħal tagħna. F'pajjiżna jippreferu nħawi mkennija mir-riħ, postijiet xemxin, u ħamrija fonda. Is-siġar jeħtieġu ilma tajjeb u ta' spiss. Dawk is-siġar li jinżabru kull sena u li jingħataw taħlita ta' demel naturali u artifiċjali jagħtu frott sabiħ u ta' kwalità għolja. Wieħed irid **joqgħod b'seba' għajnejn** għal ħafna mard u insetti li jagħmlu ħsara liċ-ċitru. Is-siġar jimtlew biż-żahar ta' fjuri bojod silġ f'Marzu u April. ***(par.3)***

Il-frott taċ-ċitru jista' jittiekel frisk bħala deżerta, jinħadem f'marmellata u **zlazi**, jingħasar f'meraq tal-frott u xorb, jitqatta' jew jinħakk fuq platti tal-ikel, u jitħallat ma' insalati u mat-tisjir biex titjieb it-togħma. Il-qoxra tal-frott taċ-ċitru tintuża bħala tiżjin fuq platti, tinħadem f'konfettura u tintuża fil-preparazzjoni tal-ħelu. **Minnha** nieħdu wkoll żjut essenzjali kif ukoll sustanza użata ħafna fl-industriji tal-ikel, tal-mediċina u tal-prodotti tas-sbuħija. ***(par.4)***

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal ( ✓) fil-kaxxa.**

*(Marka għal kull waħda = 1)*

StudentBounty.com

1. Il-frott li nieħdu mis-siġar taċ-ċitru

- [ ] hu bla qoxra.
- [ ] għandu qoxra ħoxna.
- [ ] għandu qoxra rqiqa.

2. Il-weraq tas-siġar taċ-ċitru huwa

- [ ] żgħir u jaqa' fil-ħarifa.
- [ ] aħdar skur u jħalli riħa tfuħ meta jitgħaffeġ.
- [ ] bla kulur u bla riħa.

3. Meta wieħed jieħu ħsiebha sewwa, is-siġra taċ-ċitru tista' tgħix

- [ ] sena waħda biss.
- [ ] għexieren ta' snin.
- [ ] mijiet ta' snin.

4. Għid għal min qed jirreferi l-**Pronom Mehmuż**:

***Eżempju*:** jgħaffġ**u** *(par.2):* **u** tirreferi **għall-weraq.**

... minn**ha** nieħdu wkoll żjut essenzjali *(par.4):* **ha** tirreferi ____________

5. Mill-**ewwel paragrafu**, sib u ikteb il-kelma li tintuża biex tfisser **tipi ta' siġar**.

__________________________

6. Mit-**tielet paragrafu**, sib l-**aġġettiv** li jfisser "**bojod ħafna ħafna**".

__________________________

7. Ikteb l-**għerq tal-verb** '**joqgħod**'. *(par.3)* ______________

8. Agħti **s-singular** ta' '**zlazi**'. (*par.4*) ______________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## Kompli aqra l-informazzjoni u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.

StudentBounty.com



*It-Tieni Parti*

F'Malta, it-tkabbir tas-siġar taċ-ċitru jmur lura eluf ta' snin. Naħsbu li kienu r-Rumani, madwar 200 sena qabel Kristu, li daħħlu l-ewwel siġar taċ-ċitru fi gżiritna. Aktar tard, fi żmien l-Għarab, daħal il-lumi, il-bakkaljaw u l-lumiċell. Il-laringi tal-Portugall twassal Malta fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann, filwaqt li l-Ingliżi ġabu magħhom il-mandolina u l-laringi tal-Bahia. ***(par.5)***

Tul il-ħakma tal-Kavallieri ta' San Ġwann, il-popolazzjoni tal-gżejjer Maltin kibret ħafna u għalhekk kellu jiżdied it-tkabbir tal-ħaxix u l-frott. Il-Kavallieri ħadu ħsieb jirranġaw l-għelieqi mtarrġa mal-ġnub tal-għoljiet; ħaffru bjar, ġibjuni u mini għall-ħażna tal-ilma tax-xita u **bnew** ġonna taċ-ċitru mdawra b'ħitan għoljin. Bil-bini tal-Akwadott ta' Wignacourt, l-ilma tan-nixxigħat twassal minn Ġnien is-Sultan fir-Rabat sal-Belt Valletta. L-ilma tiegħu kien ukoll jitwassal lejn il-ħafna ġonna tal-lumi u tal-laringi f'postijiet bħal Birkirkara, Ħ'Attard u Ħal Balzan. ***(par.6)***

Ġonna oħra tħawlu f'widien fejn jgħaddi l-ilma ġieri bħal Wied il-Luq u Ġnien il-Kbir. Minn dawn il-ġonna kien joħroġ biżżejjed frott għall-bżonnijiet ta' kuljum u anki għall-esportazzjoni lejn pajjiżi tal-Ewropa. L-ewwel storiku Malti, Ġan Franġisk Abela, fl-1647 kiteb li l-laringi u l-lumi Malti tant kienu tajbin fit-togħma li kienu jintbagħtu l-Italja u Franza, fejn kienu ferm apprezzati min-nies ta' dawn il-pajjiżi kbar. ***(par.7)***

Matul is-sekli l-bdiewa Maltin nisslu xitel lokali permezz ta' tnissil bil-biċċiet jew bit-tilqim. Fost dawn wieħed isib il-laringi tad-demm, il-laringi ħelu, il-lumi ta' bla żerriegħa u l-mandolina l-kbira. Fl-1915, it-tabib Ġanni Borg, fil-ktieb tiegħu *'Malta and Gibraltar Illustrated',* isemmi li fil-ġonna tagħna wieħed seta' jsib mal-150 varjetà differenti ta' siġar taċ-ċitru! ***(par.8)***

*(Adattament minn artiklu ta' Carmelo Briffa mir-rivista* ***Biedja u Sajd*** *tad-Dipartiment tal-Agrikoltura)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**B. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fi kliemek u fil-qosor:** **ki)**

1. Semmi **żewġ affarijiet** li għamlu l-Kavallieri fi żmienhom biex iżidu t-tkabbi tal-ħaxix u l-frott.

   a) ______________________________________________________

   b) ______________________________________________________ *(2 marki)*

2. X'kiteb Ġan Franġisk Abela fuq il-larinġ u l-lumi ta' Malta? *(par.7)*

   __________________________________________________________

   __________________________________________________________ *(marka)*

3. Semmi **tip wieħed** ta' frott taċ-ċitru li nisslu l-bdiewa Maltin permezz tat-tnissil jew bit-tilqim. *(par.8)*

   __________________________________________________________ *(marka)*

4. Ikteb dan in-numru fi kliem: 150 *(par.8)*

   __________________________________________________________ *(marka)*

5. Aqleb il-verb b'linja taħtu f'din is-sentenza **fin-negattiv**.

   Naħsbu li <u>**kienu**</u> r-Rumani li daħħlu l-ewwel siġar taċ-ċitru fi gżiritna. (*par.5*)

   ____________________ *(marka)*

6. Minn **paragrafu sitta**, sib **in-nom** li joħroġ mill-verb **'bnew'**.

   ____________________ *(marka)*

7. Imla l-vojt **b'partiċella magħquda mal-artiklu**:

   L-Akwadott kien iwassal l-ilma _______ Rabat sal-Belt Valletta. *(marka)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Ċ. Aħdem dawn il-mistoqsijiet billi żżomm f'moħħok l-informazzjoni miż-żewġ partijiet.** **(4**

1. Il-frott taċ-ċitru jintuża ħafna fl-ikel Malti.

   Agħti **eżempju** fiex dan jista' jintuża.

   ____________________________________________ *(marka)*

2. Fisser din l-idjoma skont kif użata fil-kitba mogħtija:

   "***joqgħod b'seba' għajnejn***" (*par.3)*

   ____________________________________________ *(marka)*

3. X'għoġbok l-aktar minn dak li qrajt fuq il-frott u s-siġar taċ-ċitru? Għaliex?

   ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________ *(2 marki)*

---

**TMIEM IL-KARTA**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers